SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 02
14 ta' Jannar 2014

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

Segretarjat ta' l-MEA:

Direttur Ġenerali
Joseph Farrugia

Executive in EU & Legal Affairs
Dr Charlotte Camilleri

Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk
Anton Vella

Segretarja
Dorianne Azzopardi Cilia

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

Corporate sponsor:

vodafone

Nawgurawlkom, sena suċċess, fin-negozji tagħkom....

Is-Sur Anton Vella, Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk flimkien mas-Sur Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali

Wara li ix-xhar li għadda, jew nistgħu ngħidu is-sena l-oħra, l-MEA waqqfet l-*SME Helpdesk* tagħha, issa ser nibdew inżommu il-wegħda li għamilnilkom u nibdew nikkomunikaw magħkom *employers*, sidien ta negozji zgħar fuq bażi regolari, permezz ta dan il-fuljett bil-lingwa Maltija, sabiex inżommukom infurmati bl-aħħar żviluppi, u nagħddulkom informazzjoni dwar il-ħidma li tkun għaddejja mill-istess *SME Helpdesk.*

Kien eżattament fis-6 ta' Diċembru li għadda, meta twaqqaf uffiċċjalment l-*SME Helpdesk.*

Kif uħud minnkom jafu, għaliex għogobkom tkunu preżenti, l-*official launch* sar waqt *Business Breakfast* li l-MEA organizzat bil-kollaborazzjoni ta' diversi *co-sponsors.*

Attivita' li nistgħu ngħidu li kienet suċċess, u dan jawgura tajjeb għall-futur.

Anton Vella, Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk

Bħala l-uffiċċjal eżekuttiv tal-*SME Helpdesk*, jiena, Anton Vella, dakinhar spjegajt fid-dettall is-servizzi kollha li l-*helpdesk* ser ikun qed joffri lil *employers* sidien ta negozji zgħar.

Ħabbart l-introduzzjoni ta' 24/7 Helpline, bin-numru **21 222 006**, li hija linja miftuha għal sidien ta' negozji zgħar li jkunu jixtiequ jikkomunikaw magħna sabiex jingħataw xi tip ta ġħajnuna, pariri, jew gwida, dwar problemi li jkunu iltaqgħu magħhom waqt l-operat tan-negozju tagħhom.

Din hija linja telefonika, mgħammra *b'answering machine* 24/7, sabiex persuna jħalli ismu u n-numru tat telefon, sabiex imbagħad inkunu nistgħu nirreġistraw it-telefonata, u nikkomunikaw mal-individwu fl-iqsar żmien possibbli.

Nappella sabiex min jagħmel użu minn dan is-servizz, ma jieħux qata' meta jisma' l-messagg elettroniku, u jaqbad u jaqta', iżda għandu jistenna ftit sakemm jispiċċa il-messaġġ u immedjatament wara jħallilna id-dettalji tiegħu fejn nistgħu nikkuntattjawh.

Bħalissa l-SME Helpdesk, qed jilqa' wkoll suġġerimenti minn għandkom *employers* sidien ta negozji zgħar, dwar fuq xhiex il-*helpdesk* jista' jkun ta' għajnuna għalikom. Tistgħu tagħmlu dan billi tikkomunikaw miegħi fuq anton.vella@maltaemployers.com

Bħalissa ukoll, jien personalment, flimkien ma uffiċċjali oħra mill- MEA, qed norganizzaw laqgħat ma diversi Awtoritajiet, Dipartimenti tal-Gvern, Organiżazzjonijiet, u entitajiet regolatorji sabiex niġbru minn għandhom l-aħħar żviluppi dwar proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji, *updates* dwar bdil ta' *policies*, jekk kienx hemm introduzzjoni ta xi regolamenti ġodda, u niġbru ukoll informazzjoni dwar skemi u ġħajnuniet li qed jiġu offruti lis-settur tan-negozji żgħar, minn dawn l-istess entitajiet.

Għalhekk nappella sabiex min jixtieq informazzjoni dwar dan kollu li semmejt hawn fuq, ma jiddejjaqx jikkomunika magħna ġħaliex aħna ser inkunu qed nippruvaw nagħmlu l-ġħalmu tagħna sabiex noffru l-ġħajnuna meħtiega.

Il-ħsieb tagħna hu, li fil-ġimgħat li ġejjin, l-*SME Helpdesk*, jibda jaħdem sabiex jorganizza kors mifrux fuq numru ta ġimghat, indirizzat speċifikament lejn is-settur tan-negozji żgħar f'pajjiżna, fejn ser tkun qed tingħata nformazzjoni utli ħafna dwar kif *employer* jista jimxi aħjar billi jagħraf ipoġġi fil-prattika l-kapaċitajiet imprenditorjali tiegħu, kif iżomm konformi mar-regoli kollha tan-negozju,

Mix-xellug ġħal lemin: ***Mr. Joseph Farrugia (MEA Director General), Hon. Dr. Michael Falzon (Commissioner for Simplification and Reduction of Bureaucracy), Mr. George Francalanza (Head-Relationship Management, Malta Enterprise), Mr. Mario Duca (Managing Director, 2M Management Consultancy Ltd), Mr. Euchar Sultana (CEO, Young Business Entrepreneurs), and Dr. Charlotte Camilleri (MEA Executive in EU & Legal Affairs).***

x'inhuma l-obbligi fejn jidħlu is-saħħa u is-sigurta fuq il-post tax-xogħol, kif jista' jevita ċerta burokrazija żejda, x'jghidu l-liġijiet dwar kuntratti ta' impjieg, jingħataw pariri dwar *marketting, quality standards, customer care,* u ħafna iżjed.

Parteċipanti li attendew il-Business Breakfast

L-intenzjoni hi li dan il-kors ta 16 il-sessjoni, ikun mifrux fuq xagħrejn, (jista jkun bejn Marzu/April), darbtejn fil-ġimgħa, bil-ħinijiet ikunu ibbażati fuq sessjonijiet ta sagħtejn kull waħda, bejn is-2.00pm u l-4.00pm.

Napprezza immensament jekk, minn issa nieħu il-*feedback* minn għandkom, dwar l-idea ta' dan il-kors, il-ħinijiet, kif ukoll is suġġetti magħżula, u jekk intom interessati li tattendu tinfurmawni, billi tibagħtuli *email.*

Peress li dan il-kors ser ikun qed jiġi organiżżat għall-ewwel darba, Il-*participation fee*, għad trid tiġi stabbilita, jiddependi minn numru ta' persuni li ser ikunu qed juru interess li jattendu.

Nerġa nieħu din l-okkazzjoni sabiex f'isem l-MEA, kif ukoll f'ismi u l-familja tiegħi, nawgura lilkom u lil familji tagħkom sena mimlija saħħa, u suċċess fin-negozji tagħkom.

Tislijiet,

Anton

Anton Vella
SME Helpdesk Executive

Dan l-ispazju jista jiġi utiliżżat minnkom l-employers, sidien ta' negozji żgħar, li tkunu tixtiequ tirreklamaw is-servizzi jew prodotti tagħkom, ma' dawk kollha li jirċievu dan il-fuljett.

Jekk fil-ħarġa li jmiss tixtieq li dan l-ispazju ikun utilizzat minnek, u tikkontribwixxi permezz ta' reklam, jekk jogħġbok ikkuntatjani sabiex fuq bażi ta' first come first served inkun nista' nirriservah għalik.

Grazzi bil-quddiem.

Anton